**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 21 ta' Novembru 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**Vs**

**ALEXANDRA DALMAS**

**KUMP NRU 864/2011**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata**, ALEXANDRA DALMAS,** detentrici tal-karta tal-identita numru 31768M, giet akkuzata talli:

1. nhar il-25 ta' Gunju 2011, gewwa l-HSBC fi Triq San Bartolomew, Hal-Qormi ghall-habta tal-09:45am bil-hsieb li tikkommetti delitt, u cioe billi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika ppruvajt issarraf *cheque* bin-numru 000127/4468068040773001 li jammonta ghal €600 bi hsara ta' Stephen Caruana, urejt dan il-hsieb b'atti esterni u tajt bidu ghall-esekuzzjoni tal-imsemmi delitt, li ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghek.

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali, skond l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9, sabiex din il-kawza titmexxa bir-rit sommarju (ara *folio 4*);

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri, inkluz dik tal-imputata mghotija fl-udjenza tal-lum stess;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat;**

Illi jirrizulta ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti illi xjentement l-imputata, propju fil-25 ta' Gunju 2011 filghodu, kienet fil-pussess tac-*cheque* HSBC 127 datat 18 ta' Gunju 2011(esebit in atti *a folio* 46), u marret tipprova ssarfu mill-fergha HSBC li tinsab fi Triq San Bartolomeo Hal-Qormi. Minnufih irrizulta li dan ic-*cheque* kien misruq u naturalment iddahhlet il-pulizija biex tinvestiga.Konsegwentement l-imputata tressqet il-Qorti biex tirrispondi ghall-akkuza migjuba kontra taghha ta' frodi.

Il-verzjoni kemm *ab initio*  kif ukoll fl-udjenza tal-lum mghotija mill-imputata ma hijix kredibbli. Hija tghid illi kienet kriet il-*farmhouse* taghha biex jigi organizzat *party* u effettivament sar dan il-*party* ghal madwar erbghin ruh u thallset ghal kiri ta' din il-*farmhouse* permezz ta' dan ic-*cheque*. Din il-verzjoni bl-ebda mod ma giet reza sostenibbli minn xi prova ohra. Kif gia intqal, l-imputata ma kkonvincitx lil din il-Qorti, almenu sal-grad tal-probabbli.

**Ikkunsidrat;**

Illi b'dak li ghamlet nhar il-25 ta' Gunju 2011 xjentement l-imputata, hija ppruvat tinganna billi pprezentat *cheque* li kien misruq izda minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta taghha dan ic-*cheque* ma ssarrafx.

Li kieku ssarraf dan ic-*cheque*, xi hadd jew il-bank jew Stephen Caruana (il-propjetarju legittimu tac-*cheque*), kien ikun vittma u jsofri pregudizzju finanzjarju.

**<u>KONKLUZZJONI;</u>**

**Għall-motivi premessi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 41, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta issib u tiddikjara lil Alexandra Dalmas hatja tal-imputazzjoni kif dedotta kontra taghha u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Alexandra Dalmas bil-kondizzjoni li ma taghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tlett snin mil-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Il-Qorti spjegat lill-Alexandra Dalmas fi kliem car u li jinftiehem ir-responsabbiltajiet taghha naxxenti minn din is-sanzjoni.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur